# KUNSILL LOKALI ISLA

# IL-ĦAMES KUNSILL

# LAQGĦA NUMRU DISGHA U GĦOXRIN

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Ġużepp, Isla nhar L-Erbgħa 22 ta' Novembru, 2006 fis-6.30pm.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku | 6.30pm |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku | 6.30pm |
| | Louis Henwood | - | Kunsillier | 6.30pm |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier | 6.30pm |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier | 6.55pm |
| Uffiċjal Preżenti: | Romina Perici Ferrante | - | Deputat Segretarja Eżekuttiva | |
| | Monica Formosa | - | Clerk | |
| Udjenza : | 0 | | | |

## AĠENDA

1. Approvazzjoni tal-Minuti nru. 28
2. Komunikazzjoni mis-Sindku.
3. Mistoqsijiet
4. Bye Law Sala tal-Kunsill/Gardjola
5. Xogħol Triq iż-Żewġ Mini
6. Tiżjin Triq il-Vitorja
7. Inizjattiva Tiżjin Gallarijiet
8. Qualicities Local Committee
9. Approvazzjoni attivitajiet għal komunita'
10. Ħatra Deputat Segretarju
11. Ilmenti
12. Approvazzjoni u l-iffirmar ta' ordnijet ta' pagamenti

## 29 (1) Approvazzjoni tal-Minuti

Tressqu il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill nru 28.

Fuq proposta tal-Kunsillier Louis Henwood, issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop, il-Kunsill approva dawn il-minuti nem com kif preżentati.

**Arising out mill-minuti.**

- Mistoqsijiet – Sindku rrisponda 3 mill-4 Mistoqsijiet tal-Kunsilliera s-Sinjura Charmaine Gerada u li mpusthom fil-letter box tagħha personalment il-Kunsillier is-Sur Louis Henwood. (Kopja mehmuza)
- Ground tal-Futbal – Saret l-Applikazzjoni mill-Gdid.

## 29(2) Komunikazzjoni mis-Sindku Joseph Casha

Is-Sindku Joseph Casha ta' rendikont tal-ħidma u laqgħat li saru mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill.

29(2) 1 **Inter vista – Corinne Gatt - 3 ta' Nov embru 2006**

Is-Sindku Joseph Casha kellu intervista minn studenta fl-Universita' Corinne Gatt, fejn talbet informazzjoni dwar il-Progett tal-Kottonera u kif jolqot it-tlett ibliet.

29(2) 2 **Laqgha tal-Kumitat Kongunt ta' LES - 6 ta' Novembru 2006**

Is-Sindku Joseph Casha attenda għall-laqgħa tal-Kumitat Kongunt ta' LES fejn giet diskussa il-problema ta l-Field Officer.

- Gie deciz li niktbu lill-Agenzija fejn ninfurmawh bil-ħsibijiet tal-Kumitat Kongunt
- Naħtru Contract Manager u jitħallas mill-Kunsilli Lokali
- Hemm possibilita' li nigu mitluba biex ikollna awditur għal-ispejjez tal-Kunsilli.

29(2) 3 **Laqgħa tal-Kumitat Riabilitazzjoni – 8 ta' Novembru 2006**

Il-Vici Sindku s-Sur Walter Ahar attenda għall-laqgħa tal-Kumitat Riabilitazzjoni, u kien hemm prezenti wkoll il-Kunsilliera s-Sinjura Charmaine Gerada għan-naħa tal-Gvern. Gie zvelat mill-Perit Hermann Bonnici u Stephen Spiteri li għamlu prezentazzjoni tal-Progett fuq is-Swar tal-Kottonera.

Il-Progett 2007-2013 b'fondi Ewropej se jikkoncentra fuq il-landfront tal-Birgu. Huma spjegaw li hemm ħafna x'isir fil-Kottonera imma din l-area kienet giet magħzula biex tkun progett komprensiv, minħabba l-istorja u l-importanza tagħha u minħabba r-return li jista' jkun hemm mit-turizmu.

Isla – Restawr ta' Bieb Sant Anna u l-landfront. Se jsir il-parti tas-Sur taht il-Gardjola.

Is-Sindku xtaq jigbed l-attenzjoni u talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex jikteb lill-Koordinatur Ray Bondin li d-Dawl li kellu ikun lest sa Settembru 2006 l-anqas biss għadhom bdewh u s-Sindku jispera li dan il-progett ma jintilfux il-fondi tiegħu bħal ma gara fil-Pjazza ta' quddiem Gnien il-Gardjola. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

29(2) 4 **Laqgħa – Sarah Buhagiar**

Is-Sindku kellu laqgħa ma Sarah Buhagiar, studenta fl-Universita' li wkoll talbet informazzjoni dwar il-progett tal-Kottonera. Mid-diskussjoni ħareg car u tond li l-ħsibijiet li kellu l-Kunsill fuq dan il-Progett jaqbel perfettament ma l-opinjoni generali tar-residenti fl-Isla.

- Ma jaq blux li kieku l-promenade tal-Isla kien ikun parti mill-progett
- Li mhux qiegħed jiggenera xogħol fil-Kottonera
- Li ftit li xejn gew imqabbdin nies jaħdmu
- Li hemm ħafna ilmenti mid-Delettanti tas-Sajd.

29 (2) 5 **Laqgħa mal-Avukat Jose' Herrera – 14 ta' Novembru 2006**

Saret laqgħa mal-Avukat Jose' Herrera fejn kienu prezenti s-Sindku Joseph Casha, il-Vici Sindku Walter Ahar u l-Kunsilliera Charmaine Gerada u l-Kunsillier Reno Chircop, u Monica Formosa għan-naħa tal-istaff. Gew diskussi il-punti li kien hemm dubji fuqhom u l-Avukat se jibgħat il-Bye Law skond kif kienu ix-xewqat tal-Kunsill li kien hemm qbil dwarhom.

Is-Sindku qara l-minuti tal-laqgħa mal-Avukat Jose' Herrera (mhemuza) peress li l-Kunsillier Louis Henwood ma kienx prezenti għall-laqgħa mal-avukat.

29 (2) 6 **Assemblea tal-Parrocca – 17 ta' Novembru 2006**

Saret l-Assemblea tal-Parrocca, fejn attendew il-Kunsillier Louis Henwood fejn jidħol il-Grupp 'Għeluq il-Hamsin Sena' u l-Kunsillier Reno Chircop fejn jidħol il-Grupp 'Komunikazzjonijiet'.

Il-Kunsillier Louis Henwood ta' spjega li hu kien fil-grupp immexxi mis-Sur Mario Caruana . Ta' suggeriment li xtaq jara l-vara ta' Maria Bambina ddur dawra mal-Isla, u li ssir koncelebrata Quddiesa fil-Gnien tal-Gardjola bil-

Madonna prezenti hemmhekk. F'Jum l-Isla xtaqu jidħlu l-Knisja mal-Kunsill. Gie suggerit ukoll li l-Arcipriet idur il-familji matul is-sena u mhux fid-dberik biss biex ikun jaf il-bzonnijiet tal-familji.

Il-Kunsillier Reno Chirop ta' spjega li hu kien fil-grupp immexxi mis-Sinjura Agnes Cutajar. Huma xtaqu jħajru nies jattendu aktar il-Knisja u joqgħodu attenti aktar waqt il-Quddies, u biex jippartecipaw nies differenti waqt il-Qari, li jħajjru zgħazagħ għall-Qassisin.

Rigward il-Grupp 'Għeluq il-Hamsin Sena' s-Sindku Joseph Casha qal li qiegħed jagħmel sejħa għat-tieni darba permezz ta' ittra biex jagħti ħajja lill-Jum l-Isla, u biex flimkien joħorgu idejat biex nagħtu dehra gdida lill-lokalita' tal-Isla. Għall-ewwel sejħa li kien għamel , il-Kumitat tal-Partit Nazzjonalista kien attenda en Block, flimkien ma' rapprezentanti tal-Band Club La Vincitrice u Senglea Athletic. Is-Sindku deciz li jwaqqaf Kumitat biex il-preparamenti għall-attivitajiet ta' Jum l-Isla ma jitħallewx għall-aħħar.

Rigward il-Grupp 'Komunikazzjonijiet' s-Sindku Joseph Casha xtaq jara kif il-Kunsill jista jagħti l-għajnuna tiegħu u li wieħed jesprimi l-Opinjoni tiegħu .

29 (2) 7 **Attivita Arti u Kultura – 20 ta' Nov embru 2006**

Is-Sindku kien mistieden għal-attivita Arti u Kultura – Lejla Letterarja fil-Kappella ta' San Gwann T'Għuxa f'gieh Guze Chetcuti.

29 (2) 8 **Laqgha mal-Ispettur Micallef – 21 ta' Nov embru 2006**

Il-Kunsill kellu laqgha mal-Ispettur Micallef, Liason Officer fejn tidhol it-Taqsima tat-traffiku. Kien hemm prezenti s-Sindku Joseph Casha, il-Vici Sindku Walter Ahar u l-Kunsilliera Charmaine Gerada u Monica Formosa ghall-istaff. Is-Sindku qara l-punti li hargu mill-minuti (mhemuza).

Is-Sindku nforma l-Kunsill li ser issir laqgha mal-Major Ripard tal-ADT fil-5 ta' Dicembru fid-9.30am rigward il-Parking Scheme u s-Sewqan eccessiv .

29 (2) 9 **Laqgha ma Charles Camilleri – Computer Courses – 22 ta' Nov embru 2006**

Is-Sindku kellu laqgha mas-Sur Charles Camilleri bil-possibilita li jergu jigu organizzati il-Courses tal-Computer b'mod specjali ghat-tfal u anki ghall-adulti.

Il-Sindku ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill li fejn jidhlu t-tfal, jinghataw dawn il-korsijiet b'xejn u fejn jidhlu l-adulti ikunu bi prezz aktar ragionevoli sabiex ikun hemm attendenza ahjar.

Gie suggerit mill-Kunsill li l-mizghata ghall-attendenza tat-tfal tkun ta' Lm 2, dan sabiex ma jkunx hemm abbuzi ghax jekk dawn isiru b'xejn, xi tfal jistu jtellfu lill-istudenti li jkunu verament interessati.

Is-Sindku Joseph Casha ssuggerixxa li jitwaqqaf grupp biex jaraw jekk hemmx xi ghalliema li jkunu voluntiera biex ikun hemm Day Centre biex jingabru t-tfal. Gie diskuss li voluntiera ta' dan it-tip ma tantx ser jinstaghbu u l-Kunsilliera Charmaine Gerada ssuggeriet li ahjar tinghata ghajnuna lill-Grupp Gwardjola ma' persuni b'dizabilita, biex jiehdu hsieb it-tfal waqt li l-genituri jaghmlu xi qadja. Is-Sindku Joseph Casha qal li l-iskop tiegħu huwa li għal mument nipprovaw nedukaw aktar lit-tfal.

29 (2) 10 **Ittra lill-MEPA minn Senglea Youth Nursery**

Is-Sindku Joseph Casha qara l-ittra datata 10 ta' Novembru ffirmata mis-Sur Stephen Spiteri president tas-Senglea Athletic F.C. Youth Nursery, li riedu li tintbaghat lill-MEPA rigward l-applikazzjoni tal-Football Ground (mhemuza).

29 (2) 11 **Leave Ghal Mard – Haddiema Klerikali tal-Kunsilli Lokali**

Is-Sindku Joseph Casha qara xi jghidu r-regolamenti tal-Leave Ghal Mard tal-Haddiema Klerikali tal-Kunsilli. (mhemuza).

- Il-Haddiema Klerikali jkunu nititlati ghal 30 gurnata leave ghal mard b'paga shieha u 30 gurnata ohra b'nofs paga kull sena.
- F'kazijiet eccezzjonali ta' rikoverazzjoni fi sptar, konvalexxenza minn operazzjoni kirurgika, jew mard terminali, li fit-tlett kazi hu mehtieg certifikat mediku minn secjalista, l-intitolament ghal leave ghal mard kif imsemmi hawn fuq jizdied ghal perjodu itwal , sakemm din iz-zieda ma teccedix il-leave ghal mard li ma jkunx sar uzu minnu fis-sentejn precedenti.

29 (2) 12 **Korrispondenza mibgħuta u rċevuta mil-2 ta' Novembru - l-22 ta' Novembru 2006**

| | |
|---|---|
| **04/1990/06/I** | **Qualicities – Reporting deadline 4 ta' Dicembru 2006**<br><br>Mill-Qualicities Amandine kitbet fejn irrispondiet lill Kunsill Lokali tal-Birgu dwar il-proceduri li rridu naghmlu kull Kun sill Lokali sal-4 ta' Dicembru 2006. |
| **04/1998/06** | **Qualicities – Lista u CV tal-Local Committee**<br><br>Mill-Qualicities Amandine baghtet e-mail biex nibghatu lista u CV tal-Local Committee li jrid ikun approvat mill-Kunsill. |
| **04/1999/06/I** | **Awtorita ta' Malta ghall-Ambjent u l-Ippjanar – Urban Improvement Fund**<br><br>Mill-Awtorita ta' Malta ghall-Ambjent u l-Ippjanar bghatu jinfurmawna |

| | |
|---|---|
| | dwar il-fondi li jaqghu taht l-iskema Urban Improvement Fund. Dan il-fond jithaddem fuq il-principju ta' Plannin g Gain. Il-Kunsill Lokali Isla ma jidholx f'din l-iskema peress li ma kienx hawn ebda zvilupp fil-lokal. |
| **04/2013/06/1** | **Paragon – Progett Anna Lindh**<br><br>Ircevejna minghand Paragon kopja tal-applikazzjoni tal-Progett Anna Lindh kif ukoll id-dokumenti necessarji. |
| **04/2016/06/I** | **Dipartiment Investigazzjoni Kriminali – Talba ghall-laqgha**<br><br>Talba mill-Ispettur Michael Mallia, Liason Officer mid-Dipartiment tal-Investigazzjon i Kriminali biex tinzamm laqgha maghha. |
| **04/2017/06/1** | **Dipartiment Gvern Lokali – Memo 26/06**<br><br>Mid-Dipartiment Gvern Lokali gejna mitlubin biex nirrispondu Memo 26/06 dwar Mistoqsija Parlamentari 20495 u 20773. |
| **04/2030/06/I** | **Assocjazzjoni Kunsilli Lokali – Laqgha 25 ta' Novembru 2006**<br><br>L-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali bghatu javzaw li fil-laqgha li sa ssir fil-25 ta ' Novembru ghar-Regjun tax-Xlokk hemm possibilita li tigi organizzata attivita wahda ghall-persuni b'dizabilita. Talbuna nikkonfermaw il-partecipazzjoni taghna.<br><br>Is-Sindku bghat ittra li se nippartecipaw wara li ghamel ko nsultazzjoni mal-Ghaqda Gwardjola. Il-Laqgha hi bejn 8.30am u 3.00pm Lm 10 ma kull applikazzjoni. |
| **04/2035/06/1** | **Ministeru ghall-Gustizzja u Ghall-Intern – Permess Ground tal-Futbol**<br><br>Mill-Ministeru ghall-Gustizzja u ghall-Intern talbu biex nibghatu tlett kopji kif gew approvati l-pjanti ghall-permess tal-Ground tal-Futbal PA 213/2000 u PA 5734/2005/24.<br><br>Ser nibghatu risposta li l-applikazzjoni ser tigi emendata. |
| **04/2052/06/I** | **Centru Zghazagh Sengleani – Progett Forum Politiku**<br><br>Ircevejna minghand Roberta Scerri rapport finali tal-Proget Forum Politiku ghan-nom tac-Centru Zghazagh Sengleani bil-progett Hidden Treasures. Rapport li gie pprezentat fl-Awstrija.<br><br>Ir-Rapport tal-Bronk Productions u Senglea Youth Nursery ghadu ma giex pprezentat. |
| **04/2054/06/1** | **Baruni Kelinu Vella Haber – Ittra ta' Ringrazzjament**<br><br>Ittra ta' ringrazzjament mill-Baruni Kelinu Vella Haber ghall-prezentazzjoni tal-Gardjola u bhala turija tas-sodisfazzjon, ghandu jibghat ktieb Paul P. Borg li jgib ismu u hidmietu li fih 650 pagna. |

| | |
|---|---|
| **04/2063/06/I** | **Fondazzjoni GEM – Seminar 10 ta' Novembru 2006**<br>Stedina ghall-Kunsilliera ghall-Seminar organizzat mill-Fondazzjoni GEM b'tema l-Edukazzjoni fil-Kottonera fl-10 ta' Novembru fis-6.30pm.<br><br>Attendew il-Vici Sindku Walter Ahar u l-Kunsillier Louis Henwood. |
| **04/2065/06/1** | **Direttur Kunsilli Lokali – Memo 14/2006**<br><br>Ghad-Direttur Kunsili Lokali bghatu e-mail biex nibghatu l-ammonti marbuta mas-servizzi mnizzla fir-return li bghatna fit-8 ta' Mejju 2006. |
| **04/2066/06/I** | **Senglea Athletics – UEFA Mini Pitch**<br><br>Ittra li l-Klabb ta' Senglea Athletics ma jsib l-ebda oggezzjoni li d-diskussjonijiet futuri jibdew isiru mal-Kumitat tas-Senglea Youth Nursery, li eventwalment se tkun l-entita li tkun qed tmexxi dan il-Progett. Dan qeghdin jghamluh ghaliex jemmnu li dan il-progett ghandu jkun ta' fejda ghat-tfal Sengleani u mmirat primarjament biex jaqdi l-htigijiet taghhom. |
| **04/2067/06/I** | **Enemalta Corporation – Lampi fi Triq San Guzepp**<br><br>Gie kkonfermat li lampa ta' 70W hi necessarja biex tinxteghel ahjar din it-Triq izda lampa W030 trid titressaq minn fejn hi. |
| **04/2073/06/I** | **Kumissjoni Elettorali – Karti tal-Identita'**<br><br>Mill-Kummissjoni Elettorali bghatu javzaw li l-Karti tal-identita ser jibqghu validi sal-ahhar tas-sena 2006. |
| **04/2074/06/1** | **Ministeru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent – Bring in Sites**<br><br>Mill-Ministeru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent rcevejna ittra dwar l-Allokazzjoni tal–Bring in Sites. Infurmawna li se nircievu Lm 1,500 fis-sena ghal din l-inizjattiva. L-ispejjez sabiex tigi mhaddma din is-sistema jigu finanzjati mill-istess fondi. |
| **04/2078/06/1** | **AVEC – Attivitajiet tal-Kunsill Lokali**<br><br>Leona Pall mill-AVEC talbuna biex nibghatu nformazzjoni dwar l-attivitajiet li saru mill-kunsill Lokali bejn Mejju u Ottubru 2006. |
| **04/2084/06/1** | **Qualicities – Laqgha Anderlecht 13-15 ta' Dicembru 2006**<br><br>Leopold Amandine ghal Qualicities bghatet tinfurmana li se ssir laqgha mit-13 sal-15 ta' Dicembru gewwa Anderlecht. Huwa mistieden kullhadd imma l-ispejjez ikkaverjati huma dawk il-membri eletti fil-Kumitat. |
| **04/2087/06/1** | **Lawrence Mangion – Enemalta Corporation**<br><br>Ircevejna kopja tal-ittra mibghuta lill-Enemalta mis-Sur Lawrence Mangion dwar il-proposta biex jizdiedu aktar lampi fi Triq San Guzepp. Huwa qieghed joggezzjona ghall-ahhar proposta tal-Enemalta. |
| **04/2088/06/1** | **Assemblea tal-Parocca – 17 ta' Novembru 2006** |

| | |
|---|---|
| | Ittra mill-Arcipriet mibghuta lill-Ghaqdiet Sengleani dwar l-Assemblea tal-Parocca 2006 li saret il-Gimgha 17 ta' Novembru 2006. |
| **04/2093/06/l** | **Kumitat Rijabilitazzjoni – Bollards ghall-Kunsill**<br><br>Ray Bondin ghall-Kumitat Rijabilitazzjoni ikkonferma li se jinxtraw 6 bollards ghall-Kunsill fuq talba tal-Vici Sindku s-Sur Walter Ahar. |
| **04/2098/06/1** | **Acknowledgment – Progett Anna Lindh**<br><br>Ircevejna acknowledgment mid-Direttur Evangelia Bikaki dwar il-progett Anna Lindh li konna fil-hin tal-applikazzjoni u inghata lilna Application Ref. ALF/2006/CFP3/A/21. |
| **04/2103/06/1** | **Progett Anna Lindh – Partner tal-Egittu**<br><br>Intlabna aktar informazzjoni dwar il-Partner tal-Egittu fejn talbu li nibghatulhom l-Istatut taghhom sal-1 ta' Dicembru 2006.<br><br>Ghamilna kuntatt maghhom u rcevejna kollox u bghatna kollox lura lill-Hady M. Agina. |
| **04/2107/06/1** | **Forum Malta fl-Ewropa – Sub Committee**<br><br>Dr. Gabriella Pace ghall-Forum Malta fl-Ewropa talbuna biex nidhlu f'Sub Committee. Il-Forum Malta fl-Ewropa ghandu erba' oqsma principali li huma t-taghrif dwar l-unjoni Ewropea, konsultazzjoni mas-socjeta civili, dibattitu fuq livell lokali kemm ukoll nazzjonali u appogg lis-settur privat biex jisfrutta skemi ta' finanzjament mill-Unjoni Ewropea.<br><br>Se nidhlu f' Sub Committee<br>➢ General Affairs and External Relations<br>➢ Econoic and Financial Affairs<br>➢ Environment<br>➢ Education, Youth and Culture |
| **04/2108/06/1** | **Minuti – Kumitat ghar-Riabilitazzjoni tal-Kottonera**<br><br>Ircevejna il-Minuti ghall-Kumitat ghar-Riabilitazzjoni tal-Kottonera. |
| **04/2109/06/1** | **Party ghat-tfal tal-Ursulini – 18 ta' Dicembru 2006**<br><br>Ittra minghand Raymond Gatt biex jorganizza party ghat-tfal tal-ursulini fit-18 ta ' Dicembru 2006 fis-Sala tal-Kunsill bejn 5.30pm u 8.30pm.<br><br>Il-Kunsill approva din l-attivita' u li s-Sala tal-Kunsill tinghata b'xejn. |
| **04/2114/06/1** | **Leopold Amandine – Self evaluation Table**<br><br>Ircevejna mi nghand Leopold Amandine dokument li jispjega self evaluation Table, biex tintuza ghal Local Committee validation. |

| | |
|---|---|
| 04/2115/06/1 | **Traffic Management Studies – Traffic Impact Assessments**<br>Ircevejna rapport minghand Traffic Management Studies dwar proposti fejn jidhol Traffic Impact Assessments. |
| 04/2117/06/1 | **Ministeru ghar-Rizorsi u Infrastruttura – Seminar 5-6-7 ta' Dicembru**<br><br>It-Tema ta' dan is-Seminar huwa Socio-Economic Value of Historic Fortified Cities u talbuna biex nippartecipaw u nghamlu presentation. |
| 04/2118/06/1 | **Waste Serve – Rimi ta' materjal isseparat fic-Centri ghal Skart Goff**<br><br>Sarah Mifsud, Public Relations baghtet ittra li se jintroducu sistema ta' Rimi ta' materjal isseparat fic-Centri ghal Skart Goff. Se jipprovdu 5 centri biex dan l-iskart jingabar hemm jew direttament mir-residenti jew jingabar direttament minn din il-Kumpanija WasteServe freephone 80072200-23858000. |
| 04/2120/06/1 | **Jennifer Piscopo – Party tal-Precett 9 ta' Gunju 2007**<br><br>Ittra minghand Jennifer Piscopo ID 110478 (M) biex torganizza precett fitd-9 ta' Gunju 2007.<br><br>Il-Kunsill approva din it-talba. |
| 04/2124/06/1 | **Progett Youth Support Programme 2006**<br><br>Minn Grupp ta' zghazagh jew organizazzjoni taz-zghazagh se jiehdu sehem fi Progett Youth Support Programme 2006. Qeghdin jitolbu biex nahtru jew ninnominaw lill xi zghazagh biex jippartecipaw f'dan il-Progett. |
| 04/2128/06/1 | **Assocjazzjoni Kunsilli Lokali – Laqgha Pjan Socjo Ekonomiku ghar-Regjun tax-Xlokk**<br><br>Cirkulari mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-laqgha li ser issir ghall-ewwel darba – Pjan Socjo Ekonomiku ghar-Regjun tax-Xlokk fil-Jerma Palace li huma mistiedna il-Kunsilliera kollha. |
| 04/2131/06/1 | **Dipartiment ta' Informazzjoni ghall-Euro Changeover - Presentation**<br><br>Mid-Dipartiment ta' Informazzjoni ghall-Euro Changeover, is-Sur Alan Camilleri bghat il-presentation li kien ghamel fis-Seminar tas-16 ta' Ottubru 2006.<br><br>Phone to Carine Callus 212205010 fuq publikazzjonijiet ordnati mill-NECC for Citizens.<br><br>Il-Kunsilliera s-Sinjura Charmaine Gerada talbet kopja tal-presentation lill-clerk tal-Kunsill Monica Formosa. |
| 04/2138/06/1 | **Segretarju Parlamentari Edwin Vassallo – Laqgha ghas-Self Employed**<br><br>Is-Segretarju Parlamentari Edwin Vassallo bghat jinfurmana li se jaghmel |

| | |
|---|---|
| | laqgha ghas-Self Employed fit-28 ta' Novembru 2006 fis-6.30pm fl-Ufficcju tal-Kompetitivita u Komunikazzjoni. |
| 04/2141/06/1 | **Memo 30/2006 – Efficjenza tal-Kunsilli Lokali Dec 2005-Marzu 2006**<br><br>Ircevejna Memo 30/2006 dwar l-Efficjenza tal-Kunsilli Lokali li jkopri l-perjodu Dicembru 2005 sa Marzu 2006. |
| 04/2144/06/1 | **Clean Up the World**<br><br>Il-Koordinatur Vanessa Schembri bghatet tistaqsi jekk hux se nippartecipaw fl-attivita' Clean Up the World u x'materjal hemm bzonn ghal dawn it-tfal. |
| 04/2148/06/1 | **Konferenza Nazzjonali Euro Changeover – 27 ta' Novembru 2006**<br><br>Invitazzjoni ghall-Konferenza Nazzjonali dwar Euro Changeover li se ssir fis-27 ta' Novembru fil-Westin Dragonara Resort. Contact Person Sandra Falzon 22050000. |
| 04/2150/06/l | **ADT – Tqassim tat-Traffiku Triq iz-Zewg Mini**<br><br>Mill-ADT bghatu risposta kif irid ikun imqasam it-traffiku ghal waqt ix-xoghol li jkun ghaddej fi Triq iz-Zewg Mini.<br>➢ Part of Triq is-Sur becomes one way such that v ehicles proceeding down Triq is-Sur from the main pjazza are diverted to Triq San Mikiel.<br>➢ No Parking in Triq id-Duluri from j/w Triq il-Vitorja to j/w Gate Street<br>➢ No Parking in Triq Sant Anglu from j/w Triq il-Vitorja to j/w Gate Street<br>➢ Vehicles from Triq il-Vitorja are to be diverted to Triq iz-Zewg Mini<br>➢ The direction of vehicular traffic in Triq iz-Zewg Mini is to be reversed<br>➢ A Cul-de-Sac sign together with a message board sign reading 'Except for Access' is to be placed in Triq is-Sur at j/w Triq San Mikiel. |
| 04/2151/06/1 | **Agreement Sterling Security – Rata tal-Cameras**<br><br>Autorized Officer John Bonavia bghat kopja tal-agreement ta' Sterling Security fejn jidhlu rata ta' Cameras.<br><br>1. Leasing of CCTV camera for a minimum period of 2 years – Lm 5.90 daily<br>2. Random remote surveillance for a minimum period of 4 hours – Lm 5.90 daily<br>3. Remote surveillance for 24 hours – L m 9.00 daily<br>4. Remote surveillance for specific hours – Lm 2.95 per hour.<br><br>Rates are inclusive of VAT |
| | |

| | |
|---|---|
| 04/2152/06/I | **Memo 31/2006 – Linji Gwida**<br><br>Ircevejna Memo 31/2006 dwar Linji Gwida ghal Uzu mill-Gdid ta' Informazzjoni mizmuma minn Entita fis-Settur Pubbliku. |
| 04/2155/06/I | **Acknowledgment – Gate Ground tal-Football**<br><br>Ircevejna acknowledgment ghat-talba mill-gdid biex issir Gate fil-Ground tal-Football biex jigi protett u jkun hemm security. |
| 04/2156/06/I | **Seminar Youth Leaders – 27 ta' Novembru 2006**<br><br>Ircevejna notifikazzjoni ta' Seminar ghall-Youth Leaders fis-27 ta' Novembru fl-okkazjoni tal-jum Internazzjonali tal-Persuni b'Dizabilita. Intbaghat ukoll programm ghall-Gimgha Persuni B'Dizabilita b'tema indaqs Tajjeb Ghalija – Tajjeb Ghalik.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur Louis Henwood talab kopja ta' dan lill-Clerk Monica Formosa. |
| 04/2160/06/I | **Gemma Debono – Minuti tal-Kunsill**<br><br>Gemma Debono mill-monitoring Unit ghad-Direttur G vern Lokali gibdu l-attenzjoni tal-kunsill li mhux jintbghatu kopja tal-Minuti tal-laqghat tal-Kunsill.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv Alphonse Zammit dahal ftit l-ufficcju tal-Kunsill biex naraw kemm hemm laqghat pendenti u jintbghatu lid-Dipartiment. |
| 04/2162/06/I | **2 Kwestjonarji - Taqsima ghall-Immaniggjar tat-Traffiku**<br><br>Intbghatu zewg kwestjonarji mit-Taqsima ghall-Immaniggjar tat-Traffiku dwar Zewg Residenti li qeghdin jitolbu Reserved Parking Carmelo Lebrun u Adelina Cutajar. |
| | **Christian u Leonora Grech – Tieg Gnien il-Gardjola**<br><br>Talba minn Christian u Leonora Grech sabiex jorganizzaw Tieg fi Gnien il-Gardjola fil-11 ta' Awissu 2007 ghal 120 persuna.<br><br>Il-Kunsill approva din it-talba unanimament |
| | **Eemer Mangion u Mariella Cassar - Tieg Gnien il-Gardjola**<br><br>Talba minn Eemer Mangion u Mariella Cassar sabiex jorganizzaw Tieg fi Gnien il-Gardjola fis-26 ta' Lulju 2008.<br><br>Il-Kunsill approva din it-talba unanimament |

Is-Sindku talab sospensjoni tal-Agenda biex jigi diskuss punt 10.

## 29 (10) Hatra Deputat Segretarju

Il-Kunsilliera Charmaine Gerada nfurmat lill-Kunsill li biex wiehed jinhatar Deputat Segretarju, jrid ikun minn Scale 11 il-fuq.

Is-Sindku qal li ma jistax jibqa' f'din is-sitwazzjoni fejn hemm nuqqas ta' sorveljanza ta' dak li jkun ghaddej fl-uffiċċju tal-Kunsill. Bil-liġl is-Segretarju huwa responsabbli ta' l-amministrazzjoni kollha.

'Jien qieghed nirrakomanda lil Monica Formosa bhala Deputat Segretarju imbaghad id-Dipartiment jara il-linja tieghu u jiehu responsabbilita' tas-sitwazzjoni.

Is-Sindku ghamel mozzjoni li tghid li is-Sinjorina Monica Formosa tigi irrakomandata bhala Deputat Segretarju. Din il-mozzjoni giet issekondata mil-Viċl Sindku Walter Ahar.

Il-Kunsill qabel unanimament li jirrakkomanda lill-Monica Formosa bhala Deputat Segretarja fl-assenza tas-Segretarju Ezekuttiv Alphonse Zammit.

Il-laqgha Nru. 29 giet aggornata fis-8.45pm, ghal – Erbgha 29 ta' Novembru fis-6.00pm.

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Ġużepp, Isla nhar L-Erbgħa 29 ta' Novembru, 2006 fis-6.00pm.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku | 6.00pm |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku | 6.00pm |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier | 6.00pm |
| | Louis Henwood | - | Kunsillier | 6.00pm |
| Skuzati: | Charmaine Gerada | - | Kunsilliera | |
| Uffiċjal Preżenti: | Romina Perici Ferrante | - | Deputat Segretarja Eżekuttiva | |
| | Alphonse Zammit | - | Segretarju Ezekuttiv | |
| | Monica Formosa | - | Clerk | |
| Udjenza : | 0 | | | |

## 29(2) Komunikazzjoni mis-Sindku Joseph Casha

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi ntbaghtet ittra by hand lil Karl de Flavia, l-kuntrattur tal-knis, meta ngabar ic-cheque ta' hlas tax-xahar precedenti, biex dan icempel il-Kunsill biex isir meeting, izda dan baqa' jinjora l-avvizi li ntbaghtu mill-Kunsill. Il-Vici Sindku s-Sur Walter Ahar, kien qieghed jaghmel ix-xoghol li qed jithallas ghalih Karl de Flavia. Ghaldaqstant, is-Sindku Joseph Casha ghadda mozzjoni u gie ssekondat mill-Vici Sindku s-Sur Walter Ahar sabiex il-kuntratt jigi terminat b'effett immedjat u li ghax xahar ta' Dicembru, kien ser jitqabbad Emanuel Mifsud biex jiehu hsieb il-knis, sakemm jinhareg it-tender il-gdid. Il-Kunsill qabel ma din id-decizjoni.

Kien hemm ukoll talba mill-Librara Graziella Cassar Gellel sabiex jinxtraw 13 il-ktieb gdid bil-Malti ghall-Librerija Pubblika. Il-Kunsill approva unamimament din it-talba.

## 29 (3) Mistoqsijiet

Il-Viċi Sindku għamel ħames mistoqsijiet :

| | |
|---|---|
| 9/2006 | Rain Water (mehmuza) |
| 6/2006 | Shelters (mehmuza) |
| 5/2006 | Propjeta tal-Kunsill (mehmuza) |
| 8/2006 | Dranagg tax-Xatt (mehmuza) |
| 7/2006 | Mhazen tax-Xatt (mehmuza) |

## 29 (4) Bye Law Sala tal-Kunsill/Gardjola

Gie deciz li s-Sala tal-Kunsill ghandha tinkera ghal Lm 25 li jinkludi t-tindif u li l-Gnien tal-Gardjola ghandu jinkera ghal mhux izjed minn Lm 200. Punt numru 7.3.2 fil-Bye Law ghandu jithalla barra, u minflok ma jintalab Security Guard jew Pulizija, ghandu jsir inventarju tal-affarijiet li hemm fiz-zewg siti u r-responsabilita taqa' fuq min jikri l-post biex ihalli kollox kif ikun sabu.

Kien hemm qbil unanimu mill-Kunsill fuq dawn il-punti msemmijin mis-Sindku s-Sur Joseph Casha.

## 29 (5) Xoghol Triq iz-Zewg Mini

Servizzi fid-djar tan-nies beda u miexi b'ritmu tajjeb, u bil-hsieb li jitlesta sas-7 ta' Dicembru 2006. Is-Sindku nforma lill Kunsilliera li Issa ser nibdew il-kurduna. Fi Triq il-Vitorja kien gie mnehhi t-tarag imma hloqna problema billi il-bankina giet tizloq. Kemm jekk issir rampa jew tarag, bil-karozzi pparkjati fuq side, dawk li jkunu bid-deliveries jghaddu minn fuq it-tarag u jkissru kollox. Is-Sindku ssuggerixxa li jsir railing kull metru. Intqal li il-pushchairs u wheelchairs ma jghaddux bir-railing. Gie suggerit li bhal ma sar fi Triq San Ġuzepp isiru signs li il-parking ikun bejn l-4.00pm u is-7.00am u bejn is-7.00am u l-4.00pm u ma jipparkjawx fuq il-bankina minhabba t-trukkijiet tad-delivery men. Din trid tigi diskussa mal-perit nhar il-Gimgha 1 ta' Dicembru 2006 fil-laqgha fid-9.30pm.

## 29 (6) Tizjin Triq il-Vitorja

Il-Kuntrattur ser jarma 2 stilel u 2 qniepen bir-running lights. Sindku talab biex idahhal fustun fil-genb. Jiswew Lm 700. Sabiex jintrama x-xatt, intalbu l-quotations ghal rope lighting mas-sigar bil-Lm1 metru. Movumentat kull 6 metri – Lm 12 jew Lm 21 ghal kull 12 il-metru. Is-Sindku nkariga lill-Vici Sindku biex ikejjel kemm hemm bzonn tul biex jizzejnu s-sigar. Il-Viċi Sindku qal li tal-ħwienet lesti li johorgu donazzjoni kull wiehed biex dan id-dawl isir.

## 29 (7) Inizjattiva Tizjin Gallarijiet

Inhareg l-avviz fuq il-kompetizzjoni tal-Gallariji u tqassam dar dar. Hemm xi sponsors li diga kkonfermaw ir-rigali. Fosthom biljett tal-ajru u biljett tal-Katamaran. Vodafone interessati wkoll biex jaghtu xi premju. Sindku jispera li jkun hemm rispons tajjeb ghall din l-inizjattiva.

## 29 (8) Qualicities Local Committee

Intbaghtet notice lill-ghaqdiet kollha imma ma kien hemm ebda risposta mill-Kumitati lokali. L-unika Socjeta Senglea Youth Nursery, Victor Zarb kkonferma. Jekk sal-laqgha tal-kunsill li jmiss ma jkunx gew ircevuti n-nominazzjonijiet, is-Sindku lest li jahtar kumitat hu. Dwar il-Qualicities Local Committee is-Sindku qal li is-Segretarju qiegħed jaħdem fuqha biex naraw ezatt x'hemm bzonn. Huwa zgur li hemm bzonn cittadini li jahdmu fuq dawn l-oqsma: turizmu, kultura, socjali, ekonomija, ambjent u beltek. Ghalhekk talab lil Kunsilliera biex jinnominaw lil xi hadd.

## 29 (9) Approvazzjoni attivitajiet ghal komunita'

Tqassmet karta f'kull dar. Ir-Rigali ghall-anzjani ser jinxtraw mill-Gio' Casa, u jiswew bejn Lm 1.90-Lm 2.15 u ordnajna 175. Attivita tista titla sa Lm 660 li tinkludi r-rigali, l-p.a. system, kera tas-sala.
Ikla Anzjani u familja Lm 60 ghal privates.
Harga zghazagh Lm 70 sussidju fuq l-ikel u privates.
Rikonoxximent studenti Lm 100 hemm il-hsieb li tigi marbuta ma' Jum l-Isla minflok li ssir ghall-ahhar tas-sena.
Pantomine sussidju fuq il-privates Lm48.
Kalendarju Lm 350 excluding VAT. Intalbet quotation ohra minghand il-printers li kienet issuggeriet il-Kunsilliera s-Sinjura Charmaine Gerada, Re-Pro House, izda dawn baqghu ma bghatux risposta.

## 29 (10) Hatra Deputat Segretarju

Intbaghtet ittra lid-Dipartiment rigward il-hatra ta' Monica Formosa u s-Segretarju Ezekuttiv ta' n-nomina tieghu ukoll, u qed nistennew risposta mid-Dipartiment.

## 29 (11) Ilmenti

Ilment – Garaxxijiet hdejn xulxin, tipparkja l-karozza taghha stess quddiem il-garaxx u ta' hdejh ma jistax idahhal il-karozza fil-garaxx ghax ma jistax jikkwarta. Dahlet il-pulizija u qalulhom biex jghidu lill-Kunsill. Il-Kunsill kellem lil din Ir-residenta w tidher li qed tipparkja sew issa.

Culvert mhux imqabbad wiehed mal-iehor, Triq is-Sur kantuniera ma Triq San Mikiel, qed izomm hafna ilma fejn hemm il-Platform ghal Bring In Sites. Sindku qal li nitkellmu mal-perit fil-laqgha li hemm il-Gimgha 1 ta' Dicembru 2006.

## 29 (12) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' ordnijiet ta' pagamenti

Inqrat il-Lista ta' Pagamenti ghal-Novembru 2006. Fuq proposta tal-Vici Sindku s-Sur Walter Ahar, issekondat mill-Kunsillier Louis Henwood, il-Kunsill approva l-pagamenti ta' Novembru 2006 kif mehmuz ghall-ammont ta' Lm 10,087.60.

Il-laqgħa ntemmet fit-8.00pm

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Joseph Casha | Romina Perici Ferrante |
| Sindku | Deputat Seġretarja Eżekuttiva |